# Editorjal

# SPEĊJALI

Keith Attard

**SPEĊJAL**$^{\text{ist}}$, **SPEĊJAL**$^{\text{ità}}$, **SPEĊJAL**$^{\text{izza}}$, **SPEĊJAL**$^{\text{izzazzjoni}}$ ... Kemm hi ħaġa sabiħa li fil-ħajja tal-lum inħossuna **SPEĊJALI** u aċċettati kull fejn immorru. Kemm hi ħaġa sabiħa li nsibu spazju fejn niżviluppaw it-talent artistiku tagħna bla ebda ndħil jew sikkatura żejda. Għalija, ir-rivista *Leħen il-Malti*, kienet, għadha u tibqa' **SPEĊJALI** minħabba l-istorja twila tagħha u għax dejjem baqgħet tagħti opportunità lil kull min jipprova jikteb. Għalkemm din il-ħarġa ma titqiesx bħala għadd **SPEĊJALI** – għax mhijiex ħarġa "differenti" mill-għedud l-oħra jew għax ma tittrattax dwar kittieb **SPEĊJALI** – xorta waħda nqisha **SPEĊJALI** fl-awtentiċità tagħha u baqgħet tiġġedded, tiskopri talenti ġodda u ssaħħaħ lil kittieba oħrajn fl-$^{\text{i}}$**SPEĊJAL**$^{\text{izzazzjoni}}$ tal-kitba.

Ħafna drabi hemm ċans li dak kollu li jindara jista' jitlef mill-$^{\text{i}}$**SPEĊJAL**$^{\text{ità}}$ tiegħu. *Leħen il-Malti* iżda baqa' ħaj u żagħżugħ fl-ispirtu. Kif jgħid Kit Azzopardi fit-Taqsima **SPEĊJALI** ta' din is-sena "l-GħMU twaqqfet sabiex tippubblika l-*Leħen*" u llum, disgħin sena wara t-twaqqif tal-Għaqda tal-Malti – Università, dan l-għan baqa' ma ddgħajjifx. Mhux talli ma ddgħajjifx imma kull sena l-interess kompla jiżdied.

Il-*Leħen* kellu rekord ta' 164 sottomissjoni u għal għadd 41 intgħażlu 41 xogħol minnhom; 41 xogħol **SPEĊJALI**. L-akbar ammont ta' xogħlijiet kienu fil-qasam tal-poeżija, b'total ta' 114-il sottomissjoni. It-tieni l-akbar ammont ta' sottomissjonijiet waslu fil-ġeneru tan-novella, b'total ta' 28 xogħol. Kellu wkoll ħmistax-il traduzzjoni u 6 studji akkademiċi. Anzi, għall-preċiżjoni, irċieva 7 studji akkademiċi b'*Disgħin Disinn: L-Istorja tal-Qxur ta' Leħen il-Malti* jirċievi promozzjoni għat-Taqsima **SPEĊJALI** minflok sab postu bħala studju fit-taqsima tal-kitbiet akkademiċi. Għal dan il-każ speċifiku, il-bord editorjali, il-kumitat tal-Għaqda tal-Malti, u jiena bħala editur, qbilna li kellu l-ingredjenti kollha biex jidħol fit-Taqsima **SPEĊJALI** u jkun l-eċċezzjoni ħelwa għar-regola mhux miktuba. Dan qed ngħidu għax sa fejn konna mgħarrfin, fl-edizzjonijiet passati ta' din ir-rivista kull kitba fit-Taqsima **SPEĊJALI** qatt ma kienet sottomissjoni nnifisha imma dejjem tqabbad xi ħadd apposta biex jiktibha.

Kull xogħol huwa **SPEĊJALI** fl-oriġinalità, fl-istil u fil-kontenut tiegħu. Ma rridx niżvela wisq dwar l-$^{i}$**SPEĊJAL**$^{ità}$ tax-xogħlijiet imma se ntikom biss togħma ċkejkna ta' xi nħoss li hawn **SPEĊJALI** f'din ir-rivista. Fin-novella *Poeżija* ta' Rita Saliba nsibu lil Dario, kittieb interessanti li jikteb dak li jħoss u dak li jagħmlu hu. Jitqies differenti? Iva, u fil-fatt il-familjari tiegħu ma japprovawx it-talent li għandu. L-indifferenza tiegħu fil-fatt tagħmlu **SPEĊJALI** anke jekk il-versi "*nitliegħeb ma' ġismek maħsul f'lejl ta' passjoni … riħtek tqajjem l-irwiefen ġo fija … inxomm ir-riħa tad-deffien …*" ma ntlaqgħux sew minħabba li l-kitba bdiet "issir tal-biża'", "makabra", u "xxaqleb lejn l-oskur".

Leanne Ellul fil-poeżija *londra, is-siġar, l-aħħar tama* tħares lejn kwalitajiet **SPEĊJALI** fin-natura ta' Londra u mhux fl-għeluq-għeruq ta' Malta. Il-kuntrast apparenti bejn hawn u hemm iniggiżna fil-laħam il-ħaj għax waqt li hemm "is-siġar jgħannquna magħhom" u "jimirħu sa fejn ittihom l-art u t-trufijiet beraħ", hawn "idejna mġemmdin bil-ħamrija tarija/nifisna jiżgiċċa jisraq l-aħħar tama forma/ta' weraq bla simetrija jerħi ħmura skura".

Jesmond Sharples fil-poeżija *L-Istat* jixtieq ikun **SPEĊJALI** billi jimxi kontra l-kurrent u ma jagħmilx bħan-nagħaġ ta' Bendu li jimxu wara xulxin sakemm jittarrfu u jiġġarrfu. Għalih l-istat "maż-żmien smien u ħxien/waqt li ħjien u ħżien ..." iżda hu lest jiċħad lil kull "min kiel, bela', faga u ffanga fil-kirxa/tal-firxa tal-kostruzzjoni-korruzzjoni" u jħajjarna nilqgħu l-istedina tiegħu biex inkunu **SPEĊJALI**.

**SPEĊJALI** wkoll hija r-relazzjoni li nibtet bejn żewġ persuni fin-novella *L-Ewwel u l-Aħħar Dawra* ta' Lara Michelle Camilleri. Minkejja li t-tnejn kienu jafu li għalihom, wisq probabbli, dan kien wieħed mill-aħħar mumenti tagħhom qabel imutu, xorta waħda "tbandlu f'idejn xulxin", u xorta waħda "ntelqu f'dirgħajn xulxin" biex igawdu dal-ħin prezzjuż. Minkejja l-fraġilità tiegħu, il-ġisem uman huwa arti **SPEĊJALI**. Minkejja li l-ġisem iddgħajjef u hi kienet "eħfef minn tarbija" xorta waħda ried iħoss "ġisimha dgħif jingħafas ma tiegħ[u]" u xorta waħda ried iduq "l-irtokk jiżżerżaq ma' xufftejha roża." Kull mument magħha kien **SPEĊJALI** anke jekk din kienet l-ewwel dawra tiegħu magħha u ma kienx ċert kif se tirreaġixxi.

Fost tekniki effettivi nsibu l-esperimentazzjoni ta' Kirsty Azzopardi bil-lingwa. Hi tagħraf kemm il-kitba jaf tkun pont li jgħaqqad il-ħjut, pont li jinseġ melodiji, u pont li jsawwar il-kliem:

**"p    n    p    n**<br>
**u    t    u    t"**

L-esperimentazzjoni bil-lingwa tkompli tidher fit-titlu tal-poeżija stess meta semmiet xogħolha b'għerq ta' kelma – *ĦJT* – u fin-nisġa tal-ħsibijiet tefgħetna f':

**b**<br>
**i**<br>
**s a k r a n**          ta' emozzjonijiet imħallta.

Nadia Mifsud, f'*06:44* ti**SPEĊJAL**izza f'teknika li fiha ddawwar jew taqleb kliemha ta' taħt fuq biex toħroġ aħjar il-personalità mċajpra fir-rifless tal-mera:

> "il-lift drabi jilheġ, drabi jqaħqaħ. fil-mera, il-
> **ġenb-ħdejn-ġenb** li għad irrid/forsi qatt ma se
> nidra."

Klara Vassallo f'*xahar xagħar xott* mhux biss tilgħab bil-ħsejjes onomatopejċi fit-titlu imma tilgħab bil-kliem ***imkaħħla*** u ***mlaħħma*** biex twassal il-ħsibijiet ġewwiena-qawwija tagħha fuq l-anoressija u l-isfidi tas-saħħa: "meta nikteb/*imkaħħla mal-mera*/l-auto-correct, itini/*imlaħħma mal-mera*/u qisu anke t-tastiera taf kemm grammi tqal subgħajja."

Amy Borg stess tikteb xi ħaġa **SPEĊJALI** fil-poeżija tagħha *Xi ħaġa speċjali*. "Mhux għax f'wiċċek/imma fik rajt xi ħaġa speċjali." Nittama li intom il-qarrejja ta' din ir-rivista wkoll taraw xi ħaġa **SPEĊJALI** u tapprezzaw ħidmet il-kittieba għatxana li riedu jaqsmu xogħolhom magħna.

L-10 ta' Ottubru 2022